MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1845/2004

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agent u in rapprezentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Albet Chetcuti u l-istess Albert Chetcuti**

**Vs**

**Joseph Bugeja**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Ottubru 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm764.94 (seba` mija erbgha u sittin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu) dovuti bhala danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku gewwa Rahal Gdida fis-7 ta' Ottubru 2002.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi is-somma ta’ sebgha mija u erbgha u sittin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm764.94) dovuti in kwantu ghas-somma ta’ Lm750.44 bhala danni kkagjonati fil-vettura ta’ l-attur Albert Chetcuti, Lm11.50 prezz ta’ survey, Lm3 prezz ta’ rapport tal-pulizija, u dan b’rizultat ta’ l-incident stradali li sehh fis-7 ta’ Ottubru 2002 gewwa Telghet Rahal Gdid, Paola, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq l-vettura GVN 352 ta’ propjeta` tal-Gvern ta’ Malta u dahal gol-vettura ta’ l-attur bin-numru ta’ registrazzjoni ADR 786 misjuqa minn Adrian Chetcuti, ghal-liema incident kien unikament responsabbli il-konvenut Joseph Bugeja kawza ta’ imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma dawn l-proceduri u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba ta’ l-attur hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

In kwalunkwe kaz il-pretenzzjoni vantata mill-attur hija nfondata. Fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident sehh unikament tort ta’ ml-attur.

Ra l-kontro-talba fejn inghad:-

It-talba ta’ l-attur qed tigi kontestata stante li l-incident sehh unikament tort ta’ l-attur.

Ra r-risposta attrici ghal kontro-talba:-

L-esponenti jirrespingu l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-attur, u kontenuti fir-Risposta b’kontro-talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:-

1. Fl-ewwel lok il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant ghandha tigi sfilzata stante illi ma saritx kontra il-legittimu kontradittur in vista tal-fatt li fil-kontro-talba ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut rikonvenzjonant.

2. Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

3. Illi in oltre, minghajr pregudizzju ghall-premess, ghall-incidnet in kwistjoni kien unikament responsabbli is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GVN 352, ossija il-konvenut rikonvenzjonant Joseph Bugeja, kawza ta' imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

4. Illi inoltre bla pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mill-konvenut huwa eccessiv.

5. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut rikonvenzjonant li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Sema` t-tratazzjoni tal-abili konsulenti legali tal-partijiet, u ezamina d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidra:

Illi l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini tal-Art 2153 tal-Kap 16. L-incident lamentat jirrisali ghas-7 ta' Ottubru 2002 (Fol 2). L-avviz promotorju gie prezentat fil-5 ta' Ottubru 2004 (Fol 1) u notifikat fis-16 ta' Ottubru 2004 (Fol 5). L-ittra ufficjali datata 5 ta' Ottubru 2004 giet notifikata fit-18 ta' Ottubru 2004. Pero` huwa evidenti li din l-ittra ufficjali ma taghmilx stat ta' fatt fil-konfront tal-konvenut billi giet prezentata kontra t-Tabib Principali tal-Gvern u mhux kontra l-odjern konvenut u inoltre giet prezentata ai termini taht tad-dettami tal-Kap 104.

Illi jirrizulta li hawn mhux qed isir distinzjoni bejn att gudizzjarju u talba gjudizjarja u dana ghal finijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni. Di fatti, l-Art 2128 tal-Kap 16 jistipula biex tinkiser il-preskrizzjoni u li minnha jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur hu bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom u dan qed jinghad billi l-oggett tal-eccezzjoni konvenuta, ossia l-preskrizzjoni hija preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni tal-kreditur. Ikun hekk irrinunzja ghad-dritt tieghu jekk ma jiehux dak il-pass necessarju fil-konfront tad-debitur tieghu fiz-zmien preskritt mill-ligi li ghalhekk l-istess att ghandhu jigi notifikat lid-debitur.

Illi una volta jissucciedi dan, jigi interrott il-perjodu tal-preskrizzjoni u jigi rinovat id-dritt tal-azzjoni tal-kreditur.

Bl-avviz prezentat mis-socjeta` attrici, dina kienet qed tezercita l-azzjoni, u mhux unikament qed tavza lil kontroparti li behsieba izzomm ferm il-jedd taghha tal-azzjoni (vide Art 2128). Hija qed tezercita att ezekuttiv mhux semplicement wiehed rinnovattiv tal-azzjoni.

Kif gie stabbilit fil-kawza fl-ismijiet; M. Briffa noe vs Joseph Debono u deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju 1992, una volta giet prezentata l-azzjoni, dak l-att esekutorju ma jistax jigi preskritt kemm il-darba d-debitur ma jkunx jaf li l-azzjoni giet effettivament esercitata kontra tieghu.

Illi l-preskrizzjoni tad-dritt ghall-azzjoni gjudizjali – ossia dik esekuttiva u mhux merament rinnovattiva, ma tapplikax ghaliha, imma hija sanzjonata bid-dezerzjoni tal-azzjoni skond il-Kap 12 fl-Art 963-964. Mod il-kreditur jabbanduna d-dritt li jfittex billi jipproponi l-azzjoni gjudizzjali u mod ukoll jabbanduna l-istess azzjoni gia promossa. Iz-zewg kazijiet ta' abbandun mhumiex identici u ghalhekk huma regolati diversament fil-ligi nostrali.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni konvenuta dwar il-preskrizzjoni u jordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjes rizervati ghal gjudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------